FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA’ NHAR IS-27 TA’ GUNJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR RAMON MERCIECA
VS
JOSEPH COPPINI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Coppini ta’ 51 sena bin Joseph u Magrith nee Attard, imwieled Valletta fid-29 ta’ Marzu 1951 u fil-present joqghod 134A, Tower Road, Sliema, detentur tal-karta tal-identita numru 280251M talli f’dawn il-gzejjer, nharid-19 t’April 2002 u fix-xhur ta’ qabel, xjentement xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan jsir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahlet biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi fid-19 t'April 2001 kien gie certu Helmut Thomas, Deputat Ambaxxatur tal-Germanja, u irraporta fl-Ghassa tal-Belt ghan-nom ta' Gerald Rachdaschel illi camera tar-ritratti li kienet insterqitlu waqt illi huwa kien f'Malta fin-1999 sabha f'hanut jismu Fotovision il-Belt.

Illi Rachdaschel malli wasal Malta  xehed illi huwa mar jixtri fil-hanut imsemmi u ra Nikon Camera F3 li kienet tixbah lil dik illi kienet giet misruqa lilu. Xehed illi il-camera tieghu kellha xi brix u il-connectors ma kienux parigg stante li kien tilef wahda minnhom u kien bidilha ma wahda ohra illi ghalhekk il-camera tieghu kellha connector trijangolu u iehor rotund. Illi ghalhekk huwa irritorna lura il-Hotel tieghu u fin-notebook tieghu kellu is-serial number tal-apparat kollu illi kien insteraqlu. Kien baghat fax wkoll lil mara tieghu il-Germanja sabiex tibghatlu tramite fax il-purchase documents tal-camera in kwistjoni.

Illi Rachdaschel xehed illi l-camera Nikon F3 kienet a professional camera illi tiehu ir-ritratti taht il-bahar. Xehed illi fil-fatt huwa rega mar ghand Fotovision il-Belt u staqsa lil salesperson sabiex jara il-camera halli jkun jista jihhandilja u beda jistaqsiha fuqha. Il-prezz fuq il-camera fil-vetrina kien ta' Lm250 u meta beda jistaqsi lis-salesgirl qaltlu li kien ser jkun hemm skont ghal Lm200.

Xehed illi huwa kien gharaf il-camera bhala tieghu il-ghaliex iccekkja is-serial number taghha u qal illi huwa kien xtara din il-camera fit-22 t'April 1986. Illi ghalhekk huwa kien mar l-Ambaxxata Germaniza sabiex jirraporta dana kollu u ir-rappresentant tal-Ambaxxata kien innotifika lill-pulizija u b'hekk bdiet il-kawza.

Spettur Mercieca fix-xhieda tieghu xehed illi kien irceva rapport mir-rappresentant tal-ambaxxata Germaniza dwar dana kollu u ghalhekk huwa kien mar u investiga lill-imputat sid il-hanut Fotovision.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat xehed illi huwa jahdem ghal rasu u ghandu laboratorju tal-fotografija li jismu Fotovision il-Belt u li ghalkemm kien veru illi l-camera tar-ritratti esebita kienet tinstab ghandu ghal bejgh huwa ma kienx jaf illi dik il-camera kienet misruqa. Mitlub jispjega il-provenjenza taghha l-imputat xehed illi l-camera kienet giet fil-pussess tieghu il-ghaliex klijent kien gie jixtri camera u offra din il-camera bhala part exchange.

Stqarr illi huwa kien qed jitlob xi Lm150 ghaliha u ma jafx kemm fil-fatt kien ivvalutaha f'dan in-negozju ta' part exchange.

Stqarr illi ma kienx normali illi jsir dan it-tip ta' tpartit anzi kien rari hafna. Stqarr illi kieku kien jaf illi kienet misruqa l-anqas biss kien imissha u certament ma kienx jesponiha fil-vettrina tieghu. Fil-fatt meta gie mistoqsi mill-pulizija kienx lest illi jrodd lura din il-camera lil sidha stqarr illi kien lest illi jaghmel dan volontarjament.

Illi in effett dana kollu gie konfermat meta l-imputat ghazel illi jiehu il-pedana tax-xhieda u jixhed dettaljament dak li jiftakar illi gara.

Fix-xhieda tieghu l-imputat sostna illi hu kien gie f'pussess ta' din il-camera meta kien dahal klijent mhux maghruf fil-hanut tieghu u talab ghal professional camera F70 flimkien ma zewg lenses prezz totali ta' Lm310. Sar part cash payment cioe ta' Lm125 u part exchange tal-used body Lm150 u SB 17 ghal Lm35 total ta' Lm310. Esebixxa fil-fatt ricevuta ta' dan in-negozju.

Xhed illi huwa mhux biss l-agent ghal Malta tal-Nikon izda agent ta bosta mill- marki ewlenin ta photographic equipment. Xhed illi huwa ma biddel xejn mill-camera u l-uniku haga li ghamel kien ilii ccekkja li l-mekkanizmu tal-camera tiffunzjonax.

Xhed illi meta gie infurmat mill-pulizija kien sbalordit u xxukkjat il-ghaliex qatt ma kellu problemi mal-pulizija.

L-imputat xehed illi ghamel hiltu kollha sabiex jintracca it-transazzjoni u esebixxa dok JC li turi il-fiscal receipt ta' din it-transazzjoni, dok JC1 illi hija break down tal-kont shih flimkien ma dok JC2 sa JC6 ili huma stima originali tal-cameras u lenses u l-prezzijiet ta' dak iz-zmien flimkien ma kopji tat-transazzjonijiet kollha li sehhu fid-data in kwistjoni.

Xehed illi huwa ma jiftakarx il-klijent min kien u ghandux mezz biex jintraccah u qatt ma rega iltaqa mieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi r-reat ta' ricetazzjoni huwa dak kontemplat fil-kap 9 li jipprovdi :
*"Whosoever shall in Malta knowing receive or purchase any property which has been stolen, misapplied or obtained by means of any offence, whether committed in Malta or abroad, or shall knowingly take part, in any manner whatsoever, in the sale or disposal of the same, shall, on conviction, be liable, etc".*

Illi l-element kardinali ta' dan ir-reat huwa ix-scienza da parti tal-imputat li l-oggett huwa misruq jew akkwistat b'reat.

Illi kif jissemma fin-Nuovissimo Digesto pagna 944 para 12:
*"L-elemento soggettivo della ricettazzioni non e solo nella volontarieta del fatto, ma va integrato oltre che dal fine di procurare a se o ad altri un profitto, dalla conoscenza della provenienza della cosa del delitto."*

In oltre jinghad:
*"Ma si puo forse pensare piu semplicimente che il dubbio rispetto al passato equivalga all' ignoranza perche nell'impossibilita di scegliere tra due alternattive il soggetto finisce inevitabilmente per non sapere, ezattamente come se non si ponesse alternattive: in altre parole, nei riguardi di un fatto futuro il dubbio e puo sempre conoscenza del*

*possibile, nei riguardi di un fatto gia caduto, invece e mancanza di un reale conoscenza di cio che e stato."*

Fil-kaz in ezami il-Qorti hija rinfaccata b'persuna ezemplari, u li jgawdi minn reputazzjoni tajba fis-socjeta' maltija bhala negozjant tal-affari tieghu, li ghandu gie amateur photographer biex jixtri professional camera u fil-mori tan-negozju talbu jiskambjalu b'professional camera ohra.

Illi ghalhekk kien jispetta lill-prosekuzzjoni biex taghmel il-prova skond il-ligi tal-scienza da parti tal-imputat li tali camera kienet gejja minn provenjenza illegali.

F'din il-kawza il-prosekuzzjoni mhux talli ma gabux provi illi ma lahqux il-livell probatorju f'kawza kriminali u cioe dik ta' "beyond reasonable doubt" imma ma gabux xrara ta' evidenza ghar-rigward din il-konoxxenza. Dan qed jinghad ghal diversi fatturi li gew stabbiliti f'din il-kawza u cioe illi dan in-negozju sar "up front", li din il-camera tpoggiet fil-vetrina ewlenija f'hanut Strada Rjali, minghajr ma sar ebda tibdil fuq tali camera b'mod specjali ghal anelli li fuqhom jitwahhlu l-istraps tal-camera li kienu spariggati.

In oltre dan in-negozju ma sarx bil-mohbi, x'imkien mistur, u ghal prezz irizorju u cioe 'alla chetichella' li b'hekk wiehed jista jifhem jew jasal ghal konkluzzjoni dwar il-probabilita illi l-imputat kien jaf li x'aktarx l-oggett huwa misruq. Il-provi juru il-kuntrarju. (vide Pulizija vs Charles Farrugia Vol LXXXII, Part 1, pagna 282).

Apparti minn dan hawn hekk non si tratta ta' "recently stolen goods" fejn jista jkun hemm xi tip ta' presunzjoni li ghaliha jrid jirribatti l-imputat kif jfiehem Smith and Hogan:
"*The common law rules concerning proofs of mens rea on a receiving charge hold good under the theft act. Accordingly where D is found in possession to be the judge may direct the jury that they infer guilty*

*knowledge or belief if D  offers no explanation of his possession or if they are satisfied beyond reasonable doubt that any explanation he has offered is untrue. The onus of proof remains on the crown throughout and whether the defendant offers an explanation or not, he should be convicted only if the jury are satisfied beyond reasonable doubt that he had the guilty knowledge or belief.”*

Ghal kuntrarju l-imputat avolja si tratta ta’ serq tal-camera tlett snin precedenti ghas-sejbien taghha offra l-ispjegazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha illi kellu fil-pussess tieghu.

Illi l-fatt li l-imputat ma setax jiftakar ma min ghamel in-negozju u ma setax jirrintracca lil dan il-persuna ma tipprova assolutament xejn u dana a tenur tas-sentenza Appell Kriminali tal-31 ta’ Lulju 1998 (Pulizija vs Farrugia).

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.